

31983L0116

22.3.1983

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 76/21

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI****tat-8 ta' Marzu 1983**

**li temenda d-Direttiva 82/287/KEE li temenda l-Annessi mad-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE u 69/208/KEE fuq il-marketing ta' żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf u żerriegħa taż-żejt u pjanti tal-fibra rispettivament, u d-Direttivi 78/386/KEE u 78/388/KEE**

(83/116/KEE)

IL-KUMMISSJONI TA' L-EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 fuq il-marketing ta' żerriegħa tal-pjanti għall-għalf<sup>(1)</sup>, kif l-aħar emendata bid-Direttiva 82/287/KEE<sup>(2)</sup>, u partikolarment Artikolu 21a tiegħu

Billi, fid-dawl ta' l-iżvilupp ta' l-għarfien xjentifiku u tekniku, saru emendi għal Annessi I u II tad-Direttivi 66/401/KEE u 69/208/KEE bid-Direttiva 82/287/KEE, inkluż emendi fir-rigward tal-purità varjetali taż-żrieragħ ta' *Poa spp*;

Billi l-1 ta' Jannar 1983 kien iffissat bħala d-data għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet meħtieġa biex iħarsu dawk l-emendi;

Billi r-regoli adottati għal dak l-iskop fl-iskemi taċ-ċertifikazzjoni varjetali taż-żerriegħa maħsuba għall-kummerċ internazzjonali preskritt mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) huma fil-preżent għaddeja minn għarbiel minn dik l-organizzazzjoni;

Billi wieħed għandu jistenna l-eżitu ta' dak l-għarbiel;

Billi data aktar xierqa għandha tkun iffissata għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet in kwistjoni, biex ikunu evitati miżuri qabel waqthom;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq Żrieragħ u Materjal Propaganti għall-Agricoltura, Ortikultura u Selvikultura,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA;

*Artikolu 1*

1. Fit-tieni inċiż ta' Artikolu 7(1) tad-Direttiva 82/287/KEE il-kliem "1 ta' Jannar 1983" huwa mibdul b'mhux aktar tard mill-"1 ta' Jannar 1984".

2. F'Artikolu 7(2) tad-Direttiva 82/287/KEE, il-kliem "it-tielet inċiż" huwa mibdul b'"it-tieni u t-tielet inċiżi".

*Artikolu 2*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Marzu 1983.

*Għall-Kummissjoni*

Poul DALSAGER

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU Ċ 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66.

<sup>(2)</sup> ĠU L 131, tat-13.5.1982, p. 24.